MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 32/2009/1

**John Grima**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-25 ta' Mejju 2009 li jaqra hekk:

"1. Illi huwa għaddej proċeduri kriminali f'kumpilazzjoni, u fid-9 ta' Frar 2006, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma joħroġx mid-dar 734 St. Joseph High Street, Ħamrun, ħlief

għal raġunijiet mediċi serji. Barra depożitu kien hemm ukoll garanzija ta' Lm10,000.

"2. Dak kien manifestament *"house arrest"* strettissimu.

"3. Illi fit-3 ta' Novembru, 2006, fuq rikors tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati, fuq l-allegazzjoni li kien deher barra mid-dar, irrevokat il-ħelsien mill-arrest, ikkonfiskat l-ammont depożitat, u kkundannat għall-ħlas tal-garanzija.

"4. Fl-4 ta' Gunju, 2007, reġa' ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ġdid.

"5. Fis-26 ta' Diċembru, 2006, ir-Reġistratur għamel rikors fejn talab li d-depożitu jiġi konvertit f'ħabs u dan għall-ammont ta' Lm10,000 tal-garanzija li kienet imposta bħala obbligazzjoni tal-ħelsien mill-arrest fid-9 ta' Frar, 2006.

"6. Illi fis-27 ta' Mejju, 2009 ġiet iffissata s-seduta ħalli l-Qorti tal-Maġistrati tiddeċiedi fuq il-konverżjoni tal-obbligazzjoni prekunarja f'ħabs, fin-nuqqas ta' ħlas.

"7. Tali konverżjoni ssir fuq bażi ta' ġurnata ħabs għal kull ġurnata, u għalhekk tfisser li jkun hemm kundanna għal 2,000 jum ħabs, li jammontaw għal kważi ħames snin u nofs, mingħajr ebda remissjoni l-anqas għal kondotta tajba. Meta wieħed jara li kull priġunier li jġib ruħu sewwa għandu dritt għal remissjoni ta' terz mill-piena, dan ikun ifisser li din tekwivali għal madwar tmien snin u disgħa xhur ħabs.

"L-esponenti qed jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti taħt is-sistema ġuridiku Malti li m'għandux għalfejn jistenna li jkun hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu qabel jirrikorri għax il-Qrati huma awtorizzati mil-liġi li jipprevjeni tali leżjoni.

"Illi l-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar, 2008, fl-ismijiet **"Lawrence Gatt vs Onor Prim**

**Ministru u l-Avukat Ġenerali"** kienet ċaħdet talba simili msejsa fuq l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, pero' ddikjarat li tali ħabs ma kienx bħala piena kriminali imma kienet piena li tiskaturixxi mill-obbligazzjoni tal-ħlas magħmula fl-atti tal-Qorti meta ngħata l-ħelsien mill-arrest.

"Il-parti rilevanti tgħid hekk: Jibda biex jingħad li, bid-dovut rigward kemm lejn l-ewwel Qorti kif ukoll lejn l-appellant, it-tnejn li huma jidher li ma afferrawx eżattament l-iskop ta' l-Artikolu 586(1). Dana l-artikolu ma jimponix *"piena"* għal jew minħabba xi *"reat"* – u dan minkejja li llum il-ksur ta' kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest tammonta wkoll għal reat punibbli bi priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew multa, jew priġunerija u multa flimkien. Dan joħroġ ċar mill-fatt li din id-dispożizzjoni – 586(1) – tapplika kemm għall-imputat jew akkużat li jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv, kif ukoll għall-pleġġ ossia għat-terz idoneju li jidħol garanti fis-somma li tkun stabbiliet il-Qorti (Art. 577(1)). Dana l-pleġġ evidentement ma jkun, u ma jsir, ħati ta' xejn meta l-akkużat jew imputat jiddeċiedi li ma josservax xi kundizzjoni tal-garanzija għall-ħelsien mill-arrest; li jiġri hu li bil-ksur ta' dik il-kundizzjoni, u kemm-il darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma li l-ksur ta' dik il-kundizzjoni *"ma hiex ta' konsegwenza serja"* fit-termini tal-*proviso* tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 579, tinbet fil-pleġġ, u bħalu fl-imputat jew akkużat li jkun għamel garanzija personali (Art. 577(2)), l-obbligazzjoni li jħallas lill-Gvern is-somma li għaliha jkun intrabat. Jekk din is-somma ma titħallasx, irrispettivament jekk għandha titħallas mill-pleġġ jew mill-imputat jew akkużat, jinħareġ mandat ta' arrest kontra l-pleġġ jew kontra l-imputat jew akkużat (Art. 585(1)(2)), u sia wieħed kif ukoll l-ieħor *"jinżammu f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħames liri ta' dik is-somma"* (Art. 586(1)). Għalhekk hawnhekk għandna arrest mhux minħabba l-kummissjoni ta' reat jew minħabba suspett raġjonevoli li persuna kkommettiet reat, iżda *"sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi"* – Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni. Jerġa' jiġi ribadit, pero`, li l-appellant f'ebda stadju ma invoka xi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew tad-dispożizzjoni korrispondenti tal-Kostituzzjoni. Dan

qed jingħad għax huwa minnu li l-ġurisprudenza ta' Strasbourg – ġurisprudenza li tirrigwarda proprju l-Artikolu 5(1)(b) imsemmi – tesiġi li għandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq ta' l-obbligu preskritt mil-liġi, u dan fis-sens li mhux biss dak l-obbligu għandu jkun speċifiku u konkret, iżda d-detenzjoni m'għandhiex tkun għal żmien aktar milli huwa meħtieġ biex dak l-obbligu jitwettaq, li ma għandu jkun hemm ebda arbitrarjeta` fid-detenzjoni in kwistjoni. Dan joħroġ speċjalment minn analiżi ta' tlett każijiet in partikolari: **"McVeigħ, O'Neill and Evans vs UK"**, **"Benham vs UK"** u **"Vasileva vs Denmark"**.

"U tkompli tgħid l-istess sentenza: *"Hawn si tratta ta' obbligazzjoni li l-imputat jew akkużat, jew il-pleġġ, jidħol għaliha biex jiġi assigurat li l-istess imputat jew akkużat joqgħod għall-kundizzjonijiet kollha tal-ħelsien mill-arrest preventiv, kundizzjonijiet li, fin-nuqqas ta' impunjazzjoni bi proċeduri ġudizzjarji appożiti, għandhom jitqiesu li kienu meħtieġa fil-każ de quo biex tiġi salvagwardjata r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-proċeduri kriminali kontra l-imputat jew akkużat."*

*"Inoltre* fis-sentenza Kostituzzjonali **"James Demanuele vs Avukat Ġenerali"** tad-20 ta' Frar, 2009 ġie deċiż li l-*house arrest* huwa xorta waħda privazzjoni tal-liberta' u huwa wkoll *praeter legem*. Fattwali dan ifisser li l-persuna ma tkunx inħelset mill-arrest fuq suspett raġjonevoli li għamlet reat.

"Mill-fatti esposti u mill-pożizzjoni assunta mill-Qorti Kostituzzjonali fiż-żewġ sentenzi ċitati joħorġu dawn il-lanjanzi fil-każ preżenti:

**"1. Vjolazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni:**

"Illi huwa manifest skond is-sentenza Demanuele li l-Qorti kienet tista' skond il-liġi u l-atti proċesswali toħroġ lill-esponenti mill-ħabs. La kien hekk, il-fatt li ngħata *house arrest*, u dan kien *praeter legem*, kull kundizzjoni li saret ħlief dik prospettata fl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni

Ewropea ma kienetx valida. Il-kundizzjoni li tħalli l-konvenzjoni hija dik li l-esponenti kellu jidher għall-proċess. Ħadd qatt ma allega li hu naqas li jidher għas-seduti li kien hemm, u għalhekk hu kien issodisfa l-vot tal-liġi konvenzjonali.

“Jekk min-naħa l-oħra huwa kien għadu privat mil-liberta' personali, allura l-ebda obbligazzjoni ma kienet ġustifikata. Dan barra li kienet *praeter legam*, u għalhekk kienet legalment valida. *Quod nullum est nullum producit effectum*.

“Waqt li jekk suspettat ma jidhirx għal xi att tal-proċediment għandu jiġi arrestat mill-ġdid, jekk ma jkun hemm l-ebda ġustifikażzjoni, u jitlef l-ħelsien mill-arrest u d-depożitu li għamel, l-istess ma jistax jingħad għal kundizzjonijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mad-dehra fil-proċess

**“2. Vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni:**

“Qer terġa' ssir referenza għas-sentenza Lawrence Gatt fuq ċitata. F'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali qalet li jkun hemm vjolazzjoni kieku jkun hemm nuqqas ta' proporzjonalita' u arbitrarjeta'. Hemm argument ġdid li ma ddaħħalx f'dak id-dibattitu. L-artikolu 586(1) tal-Kodiċi Kriminali jibbaża l-konverżjoni ta' garanzija bir-rata ta' Lm5 għal kull ġurnata. Dik mhix arbitrarja għaliex hija stabbilita mil-liġi. Imma bħal kull formula matematika, wieħed irid jeżamina wkoll il-*factors* li jidħlu f'dik il-formula. Li hu arbitrarju huwa l-ammont li jiġi stabbilit bħala garanzija. L-ebda Qorti m'għandha xi *guideline* legali li jgħid kemm għandha tkun stabbilita l-garanzija, għalhekk hija għal kollox arbitrarja. Ġudikant jista' jkollu kriterji soġġettivi tiegħu, u dan iġib li arbitrarjeta' personali. Biex ma tkunx arbitrarja jeħtieġ li toħroġ mil-liġi.

“U mbagħad hemm ukoll nuqqas ta' proporzjonalita'. Meta wieħed iqis li l-garanzija ġġib arrest f'dan iż-żmien kollu ta' tmien snin u disa' xhur ċertament ma hemmx proporzjon. Ir-rata msemmija fl-artikolu 586(1) tal-Kodiċi Kriminali ilha stabbilita żmien twil ilu.

“*Inoltre* għalkemm mhix piena kriminali imma għandha l-istess effett. Il-Qorti Ewropea f’diversi okkażjonijiet qalet li hija tmur għas-sustanza u mhux għall-apparenzi. Każ klassiku huwa ta’ **“Demicoli vs Malta”**. Dakinhar il-parlament, għalkemm mhux minn wieħed mill-avukati sottoskritti, kif qed jgħid li dik il-proċedura kienet ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-parlament u mhux proċedura penali, u hekk kienet titkellem il-liġi, il-Qorti Ewropea kienet ta’ fehma oħra.

“*Inoltre*, qed jiġi sottomess li l-konverżjoni mhux obbligu impost b’liġi.

**“3. Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni:**

“Skond is-sentenza Lawrence Gatt, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li dan kollu jikkostitwixxi obbligu mal-istat, li jista’ jkun tal-imputat jew tal-garanti idoneu. La l-Qorti qalet li mhux piena kriminali, l-korollarju huwa li din hi obbligazzjoni ċivili jew kuntrattwali.

“Jekk xi ħadd ma jistax jonera l-obbligazzjonijiet tiegħu kuntrattwali ma jistax jintbagħat il-ħabs, u dan għal żmien twil ta’ tmin snin u disa’ xhur. Jew fattwalment għal 2,000 ġurnata ħabs.

“Il-formula li tintuża hija kjarament ta’ obbligazzjoni unilaterali lejn l-istat, u għalhekk hija obbligazzjoni kuntrattwali.

“Inutli li wieħed jgħid li kienet iffirmata, u li wieħed kien jaf il-konsegwenzi. Illum l-ebda nuqqas ta’ ħarsien ta’ obbligazzjoni kuntrattwali ma jista’ jġib bħala konsegwenza n-nuqqas ta’ liberta’ personali.

“Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa, inkluża dik tal-inkompatibilita’ tal-Artikolu 586(1) tal-Kodiċi Kriminali mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“1. Tiddikjara, li jekk tiġi esegwita l-konverzjoni tal-garanzija fil-każ tal-esponenti ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1)(b) u speċjalment tal-Artikolu 1 tar-Raba’ Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

“2. Konsegwentement tħassar u tannulla kull talba għal tali konverzjoni.

“3. Tiddikjara li l-impożizzjoni ta’ obbligazzjonijiet ulterjuri bit-telf ta’ depożitu u garanziji meta persuna tinħeles mill-arrest imorru *oltre* u kontra l-provvediment tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, li tgħid li l-garanziji għandhom jirreferu għall-obbligu li s-suspettat jidher għall-atti tal-proċess, u dan *inoltre* kif kienet il-liġi Maltija qabel ġiet emendata.”

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju qed jiġi eċċepit l-intempestivita tal-azzjoni odjerna *stante* li fuq ammissjoni tal-istess rikorrenti, għad s’issa m’hemm assolutament ebda deċiżjoni finali fir-rigward tal-kwistjoni li qed tiġi odjernament mqajma mir-rikorrenti f’dawn il-proċeduri;

“Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti jħoss li l-argument mqajjem mir-rikorrenti li qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti mis-sistems ġuridiku tagħna u in vista t’hekk, m’għandux għalfejn jistenna li jsir leżjoni qabel ma tiġi ntavolata azzjoni bħal dik simili, ma tistax tiġi aċċettata minn din l-Onorabbli Qorti minħabba l-fatt li tali regola, speċjalment in vista tal-fatt li kull azzjoni kostituzzjonali għandha titqies bħala waħda ta’ natura straordinarja, għandha tiġi nterpretata b’mod restrett kemm jista’ jkun;

“Illi l-argument magħmul fil-paragrafu preċedenti, għandu jingħata aktar piż in vista tal-fatt illi biex isostni l-azzjoni odjerna, l-istat ta’ fatt li qed jiġi llamentat mir-rikorrenti jista’ jirriżulta biss kif u fil-fatt tali garanzija fl-ewwel lok tiġi kkonvertita f’ħabs u fit-tieni lok r-rikorrenti fil-fatt ma jħallasx l-istess garanzija;

“Illi *inoltre* tali sitwazzjoni, u ċjoe’ ta’ detenzjoni a bażi tal-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali tista’ liberament tinbidel f’ħelsien mill-arrest da parti tal-istess rikorrenti meta dan tal-aħħar fil-fatt iħallas il-garanzija u minħabba f’hekk ma jibqaż jiġi detenut;

“Illi fil-fatt għandu jirriżulta li l-kundizzjonijiet mposti f’każ li garanzija tiġi kkonvertita f’detenzjoni, m’humiex kundizzjonijiet li l-istess rikorrenti ma jistax jaħrab minnhom, u assolutament m’humiex l-istess bħal kundanna għall-priġunerija b’rizultat ta’ sentenza, minħabba s-sempliċi fatt li jekk fil-fatt r-rikorrenti jħallas l-ammont ta’ garanzija msemmija, dak il-ħlas jkollu l-effett li jannulla t-termini ta’ detenzjoni li minnha qed jillamenta r-rikorrenti;

“Illi l-esponenti jħoss li meta qorti tordna li tingħata garanzija, dik l-istess Qorti tkun għamlet hekk wara li tkun ħadet in konsiderazzjoni l-gravita tal-akkużi li bihom jkun mixli l-akkużat flimkien mal-kriterji l-oħra stabbiliti mil-liġi;

“Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, meta hu ta l-garanzija msemmija, hu kien jaf eżattament għaliex kien dieħel, u żgur ma jistax jiġi argumentat min-naħa tar-rikorrenti li ma kienx jaf x’tgħid il-liġi in vista tal-fatt li l-liġi hija ċara ħafna f’dan ir-rigward;

“Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, kienet għażla unikament tiegħu li jikser il-kundizzjonijiet tal-*‘bail’*;

“Illi hu kien jaf ben x’konsegwenzi kienet ser iġib ksur tal-kundizzjonijiet tal-*‘bail’* u minħabba f’hekk ma jistax jgħid li ma kienx avżat;

“Illi minħabba f’hekk l-esponenti jħoss li l-argument da parti tar-rikorrenti li jissussisti vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bnidem fil-konfront tiegħu, għandu jiġi skartat minħabba l-fatt li l-azzjoni li biha skattat d-detenzjoni li dwarha qed jilmenta r-rikorrenti fil-fatt kienet azzjoni meħuda minnu biss meta kien ben konsapevoli dwar il-konsegwenzi tal-istess azzjoni tiegħu;

"Illi żgur ma jistax jiġi argumentat li d-detenzjoni li tiskatta minħabba nuqqas ta' ħlas ta' garanzija mogħtija hija dipendenti fuq xi azzjoni meħuda minn l-esponenti jew mill-Qorti – hija konsegwenza diretta tal-aġir tal-istess rikorrenti meta dan tal-aħħar għazel li jieħu l-azzjoni li ħa meta kiser il-kundizzjonijiet tal-*'bail'* tiegħu;
"Illi għaldaqstant l-esponenti jissottometti li kull persuna huwa responsabbli għal għemilu u minħabba f'hekk u wara li kien hemm ksur ta' kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja, ma jistax ir-rikorrenti jippretendi li l-konsegwenzi ta' għemilu ma joqgħodx għalihom hu;

"Illi, mingħajr preġudizzju, fil-każ odjern, lanqas biss m'hu stabbilit li fil-fatt il-Qorti tal-Maġistrati kienet aċċettat ir-rikors u minħabba f'hekk żgur ma jistax jingħad li l-fatti kif allegati ġew fil-fatt stabbiliti u, wisq inqas ppruvati;

"Illi l-esponenti sfortunatament, m'huwiex f'pożizzjoni biex jieħu konjizzjoni tal-fatti minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni fornita lilu mill-istess rikorrenti u minħabba f'hekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-allegazzjoni tal-proċess kollu tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li fuqu hu bbażat il-każ odjern;

"Illi fiċ-ċirkostanzi l-esponenti jħoss li għandu jirriserva li jagħmel s-sottomissjonijiet ulterjuri wara li jkun ha konjizzjoni tal-fatti tal-każ;

"Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2010, li in forza taghha laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimat (eccetto l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gew respinti) u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez jithallsu minnu stess.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi r-rikorrent fi ftit kliem qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konverżjoni tat-telf tal-garanzija personali f'piena karċerarja tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 5 (1) (b) u l-artikolu 1 tal-raba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem u li l-impożizzjoni tat-telf ta' depożitu u garanzija meta persuna tinħeles mill-arrest imorru *oltre* l-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni.

"L-*iter* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li wassal għal din il-kawża huwa spjegat mid-dokumenti relattivi li ġew esebiti; ir-rikorrent ingħata l-liberta' provviżorja fid-disa' ta' Frar 2006 fost affarijiet oħra taħt garanzija personali ta' Lm10,000; permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati mogħti fit-3 ta' Novembru 2006 il-Qorti ordnat illi l-garanzija personali imsemmija tgħaddi favur il-Gvern billi kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu. Ir-Reġistratur tal-Qorti għalhekk talab li l-istess rikorrenti jitressaq taħt arrest sabiex isir il-kalkolu u jintbagħat il-ħabs (billi ma ħallasx is-somma imsemmija) a tenur tal-artikoli 585 u 586 tal-Kodiċi Kriminali; dawn il-proċeduri huma sospizi pendenti l-eżitu ta' din il-kawża. L-artikolu 586(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi:

*""Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha ikun obbliga ruħu għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull €11.65c ta' dik is-somma sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ."*

"Il-Qorti għalhekk se teżamina l-artikoli tal-Konvenzjoni msemmija ndikati mir-rikorrent waħda waħda biex tasal għal konklużjoni jekk dan l-artikolu jiksirx id-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti se tgħaddi mill-ewwel għall-mertu peress li tħoss li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija tali li ma għandux għalfejn jistenna l-eżitu tal-proċeduri in kwistjoni minħabba l-imminenza tagħhom u għalhekk ma tirriżultalha ebda intempestivita'.

**"L-artikolu 5 (1) (b).**

"Dan jgħid illi: *"Ħadd m'għandu jiġi privat mill-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura*

*preskritta mill-liġi; (b) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skond il-liġi ta' Qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mill-liġi."*

"Huwa ċar illi l-provvedimenti tal-artikolu 586 huma maħsuba biex tiġi kemm jista' jkun żgurat adeżjoni mal-ordnijiet tal-Qorti fl-għoti tal-liberta' proviżorja. Jekk ma jkunx hemm deterrent adekwat huwa faċli għall-akkużat illi ma jagħtix każ li jsegwi l-ordnijiet li jkunu ingħataw. Meta jkun sar depożitu huwa faċli għall-istat li jesegiwxxi dik l-obbligazzjoni jekk l-akkużat jonqos minn tali osservanza; mhux hekk f'każ ta' garanzija personali. Jekk l-akkużat ma jkollux mezzi biex jonora dik l-obbigazzjoni tkun ħaġa mill-iktar faċli għalih li ma josservax il-kundizzjonijiet li jkunu gew imposti għaliex ikun jaf li ma jkunx se jiġi kastigat, jekk ir-rikorrent jingħata raġun kif qed jitlob. Is-sub-inċiż (b) imsemmi jgħid ċar li l-liberta' tista' tiġi privata biex jiġi żgurat li l-akkużat iwettaq l-obbligu tiegħu skond il-liġi kif ordnat mill-Qorti. Fil-fatt, id-dritt tal-liberta' fiżika mhux wieħed assolut; *"It must give way where vital comunity interests are at stake. Accordingly a person may be deprived of his or her liberty but only if the excercise of powers of arrest and detention by state authorities is governed by due process of law and consistent with recognized standards. The deprivation of iberty can be distinguished from the control of movement or restriction of movement which is governed by article 2 of protocol 4 of the convention.* **(Clayton and Tomlinson – The Law of Human Rights** – 2 **-** 2 paġna 478 u 480**)**. Għalhekk il-lanjanza taħt dan l-artiklu qed tiġi miċħuda.

**"L-artikolu 5 (3)**

"Dan jgħid illi: *"Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (c) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem Imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt il-pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri."*

"Ir-rikorrent mhux jilmenta illi ma nġabx il-Qorti minnufih iżda fir-rigward tal-ħelsien waqt il-proċeduri; qed jgħid illi l-*house arrest* li għalih ġie ordnat jikkostitwixxi nuqqas ta' ħelsien u għalhekk isegwi illi ksur tiegħu ta' dik l-ordni ma tistax iġġib il-konsegwenzi li jitlef is-somma flus koperta bil-garanzija; fi kliemu fir-rikors – *quod nullum est nullum effectum producit.*

"Il-Qorti ma tikkondividix din il-loġika għaliex is-sentenza **"James Demanuele vs Avukat Ġenerali"** (20 ta' Frar 2009) imsemmija fl-istess rikors ma tgħidx illi l-ordni ta' ***house arrest*** hija nulla iżda tgħid li din tikkostitwixxi privazzjoni tal-liberta'. L-istess sentenza tgħid anzi li *"r-raġonevolezza tal-ammont ta' garanzija m' għandhiex bħala regola tiġi mistħarrġa jew sindakata minn din il-Qorti"*. Is-sentenza tgħid ukoll illi *"proprjament la l-Prim' Awla u lanqas din il-Qorti ma jistgħu jiġu imsejħa biex jiddikjaraw jekk sempliċement jekk il-house arrest li taħtu tqiegħed l-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati kienx arrest jew detenzjoni għall-fini tal-imsemmi artikolu 5 (3)* . Qalet pero' mbagħad illi *"l-<u>house arrest jibqa' xorta forma ta' arrest.</u>"* Ma qalitx kif ġia ngħad illi l-ordni hija nulla.

"Għalhekk l-ordni tal-Qorti fis-sens li l-akkużat ma jkunx jista' joħroġ mid-dar ħlief għal ċertu ħin u għal ċertu raġunijiet xorta waħda kellha tiġi obduta u l-akkużat ma jistax ma jobdihiex għar-raġuni li qed jagħti r-rikorrenti. *Semmai* l-Qorti li tkun qed tiddeċiedi l-kawża għandha, jekk issib ħtija, tieħu l-ammont ta' żmien li jkun għadda l-akkużat taħt ***house arrest*** in konsiderazzjoni (almenu hekk donnha tgħid is-sentenza msemmija) meta tiġi biex tagħti l-piena. Għalhekk anke din il-lanjanza qed tiġi miċħuda.

**"L-ewwel artikolu tar-Raba' Protokoll:**

"Dan jgħid illi: *"Ħadd ma għandu jiġi privat mill-liberta' tiegħu unikament minħabba l-inkapacita' tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali."*

"Hawnhekk il-Qorti tirreferi għall-fatt illi l-liġi tgħid li ħadd m'għandu jiġi privat mill-liberta' tiegħu <u>unikament</u>

minħabba li ma jkunx jista' jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali. Huwa minnu li l-obbligazzjoni li daħal għaliha r-rikorrenti għandha element kuntrattwali iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li l-proċeduri in kwistjoni huma kriminali. Għalhekk ir-rikorrenti ikun qed jaċċetta l-fatt li huwa jista' jitlef il-garanzija in kwistjoni jekk ma joqgħodx għal dawk il-kondizzjonijiet. Barra minn dan ma jfissirx li jkun hemm deprivazzjoni mill-ħelsien unikament għaliex ma jkunx wettaq l-obbligazzjoni kuntrattwali – anzi din l-obbligazzjoni skattat proprju għaliex huwa ma qagħadx għal dawk il-kundizzjonijiet. Għalhekk il-Qorti, filwaqt li tapprezza li l-ammont imsemmi mill-artikolu 586 (1) illum-il ġurnata huwa baxx u għandu jiġi rivedut, ma tistax tilqa' lanqas din il-lanjanza."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"......tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat appellat u minflok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess intimat appellat u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat."

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab sabiex din il-Qorti:

"......tichad ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 2010, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**<u>Sfond tal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri</u>**

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu peress illi meta nghata l-liberta` provvisorja waqt il-proceduri kriminali f'kumpilazzjoni gew imposti fuqu diversi kundizzjonijiet,

fosthom li jaghti garanzija personali ta' Lm10,000 (ekwivalenti illum ghal €23,293.73). Hu gie ordnat ukoll ma johrogx mid-dar tieghu hlief f'certi cirkostanzi. Wara li gie allegat li hu deher barra mid-dar, il-Qorti tal-Magistrati, fil-gurisdizzjoni kriminali taghha, giet mitluba tirrevoka l-helsien mill-arrest li nghatalu u li jigi kkundannat ihallas il-garanzija. Dik il-Qorti, b'digriet moghti fit-3 ta' Novembru 2006, ipprovdiet adesivament ghat-talba tal-prosekuzzjoni wara li kkonkludiet li fil-fatt, ir-rikorrent kien kiser kundizzjoni marbuta mal-ghoti ta' helsien mill-arrest preventiv.

Peress illi r-rikorrent ma hallasx is-somma ta' €23,293.73 kif ordnat mill-Qorti, sar rikors mir-Registratur tal-Qrati ghall-'konverzjoni' ta' dik is-somma f'terminu ta' prigunerija skont l-Artikolu 586 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Skont il-ligi, tali konverzjoni issir fuq bazi ta' gurnata habs ghal kull €11.65 tas-somma. F'dan il-kaz, allura, ir-rikorrenti qed jiffaccja kwazi hames snin u nofs prigunerija.

Ghalkemm din il-konverzjoni ghada ma saritx, ir-rikorrent ressaq dawn il-proceduri biex jikkontesta l-possibli applikazzjoni tal-Artikolu 586 imsemmi ghal kaz tieghu, peress li din l-applikazzjoni twassal, jew tista' twassal, ghal-vjolazzjoni, skont hu, tal-Artikolu 5(1)(b), 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-ewwel Qorti skartat l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' interess guridiku attwali da parti tar-rikorrent minhabba l-fatt li l-konverzjoni ghada ma saritx (minn din il-parti tas-sentenza ma tressaq ebda appell mill-intimat, u allura l-kwistjoni tal-interess guridiku hija issa maghluqa), izda laqghet l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-intimat u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti wara li osservat, in succint, li hu validu li persuna ticcahhad mil-liberta` taghha bhala rizultat ta' nuqqas taghha li thares ordni ta' Qorti. Hi osservat ukoll li

d-detenzjoni, jekk tinghata, ma tkunx konsegwenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kontrattwali, imma konsegwenza diretta tan-nuqqas tieghu li jobdi l-ordinijiet ta' Qorti b'kompetenza kriminali.

Minn din is-sentenza appella r-rikorrent li baqa' jsostni l-aggravji tieghu kif imressqa ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti.

**Artikolu 1 tal-Protokoll 4**

Trattat l-aggravji din il-Qorti tibda biex tosserva illi ma hemmx dubbju li skont il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta' delitt kontra s-sigurta` tal-Gvern jew delitt li jgib mieghu l-piena ta' prigunerija ghal ghomru u sia meta si tratta ta' kwalsiasi reat iehor, il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-helsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Dawn il-perikoli huma li l-akkuzat jew imputat (a) "jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija", (b) "jinheba jew jitlaq minn Malta", (c) "ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija", (d) "jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra," u (e) "jikkommetti xi reat iehor". Huwa proprju ghalhekk li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tista', meta takkorda l-helsien mill-arrest timponi kundizzjonijiet ohra oltre l-garanzija (fil-forma ta' plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita, jew fil-forma tad-depozitu ta' dik is-somma jew depozitu ta' rahan li jiswa daqsha, jew fil-forma tal-obbligazzjoni personali tal-imputat – Art. 577) li l-imputat jew akkuzat jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu ordnati lilu.

Ir-rikorrent, b'dawn il-proceduri, mhux qed jilmenta mill-kundizzjonijiet fuqu mposti meta nghata l-liberta` provisorja. Fuq kollox, kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Aquilina et v. Avukat Generali** deciza fl-1 ta' Gunju 2007,

*"Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu (artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni) meta jirreferi ghal helsien waqt pendenza ta' proceduri, jghid "il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri", dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kundizzjonijiet, cioe` dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-**relevant and sufficient grounds** li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b'reat tibqa arrestata ghall-anqas ghal certu zmien bla ma tinghata bail hemm is-segwenti: **(i) the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion; (ii) protection of public order; (iii) risk of pressure on witnesses or collusion with co-accused; (iv) risk of repetition of offences; u (v) danger of absconding**. Meta jkun hemm xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi li jiggustifikaw, anke jekk biss ghal certu zmien, ir-rifjut tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, jekk dak il-perikolu jew riskju jkun jista' jigi mxejjen jew ghall-anqas minimizzat b'xi kundizzjoni (<u>li allura ma tkunx kundizzjoni li tassigura biss id-dehra tal-akkuzat jew imputat</u>) imposta mal-ghoti tal-helsien, tali helsien ghandu jinghata <u>b'dik il-kundizzjoni</u>, u dan prorpju in omagg ghall-principju tal-liberta` tal-persuna. Li wiehed jargumenta bil-kontra - kif qed jaghmlu l-appellanti – ikun ifisser li fejn Qorti tista' taghti l-helsien taht kundizzjoni jew kundizzjonijiet bhal dawn, hija ma taghtix il-helsien ghax il-kundizzjoni ma tkunx wahda biex dak li jkun "jidher ghall-proceduri"."*

Lanqas ma hu dubitat fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-ligi tista' tipprovdi ghal detenzjoni f'kaz ta' nuqqas tal-akkuzat jew imputat li jobdi l-ordnijiet tal-Qorti marbuta mal-helsien tal-arrest. Sa hawn, din il-Qorti, fil-fatt, taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, fis-sens li d-detenzjoni jekk tigi imposta, ma tkunx minhabba l-inkapacita` tieghu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali, u kwindi d-detenzjoni ma tistax titqies li ssir bi ksur tal-ewwel artikolu tar-Raba' Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni. Il-garanzija li tinghata mhiex "obbligazzjoni kuntrattwali", izda garanzija marbuta mat-

twettiq tal-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti. Dawn il-kundizzjonijiet gew imposti fuqu, u ma gewx “miftiehma” bejn zewg partijiet jew aktar. Il-Qorti imponiet fuq ir-rikorrent kundizzjoni li jekk jikser wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, is-somma ta’ Lm10,000 “tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta”. It-telf tal-garanzija mhix marbuta ma’ ksur ta’ kuntratt bilaterali, izda rizultat dirett ta’ kundizzjoni imposta fuq ir-rikorrent mill-Qorti. Kwindi ma jistax jinghad li hemm xi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 ta’ Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**<u>Artikolu 5(1)(b)</u>**

Din il-Qorti, pero`, hi mhasba dwar il-mod tassattiv kif inhuma registrati l-Artikoli 579(1) u 586(1) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 579(1) jiddisponi, fil-qosor, li jekk l-imputat jew l-akkuzat jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, “is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta”, u l-Artikolu 586(1) jghid li jekk ma jsirx hlas ta’ din is-somma, l-imputat jew l-akkuzat ghandu jinzamm f’detenzjoni ghal zmien ta’ mhux aktar minn gurnata ghal kull €11.65 ta’ dik is-somma.

Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni imposta “ma hiex ta’ konsegwenza serja”, ma tipprovdix lill-Qorti b’diskrezzjoni li timitiga l-ammont ta’ telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista’ jkollu “konsegwenza serja”, il-Qorti m’ghandhiex diskrezzjoni *“to fit the punishment to the offence”*, izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija <u>kollha</u>, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta’ proporzjon li waslet lill-Qorti Ewropeja ta’ Gustizzja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta’ **Lawrence Gatt v. Malta**, deciza fis-27 ta' Lulju 2010, fejn ma qablitx ma’ sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta’ Frar 2008, li f’cirkostanzi li jixbhu dawk ta’ din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f’dak il-kaz.

Biex jigu indirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta’ Strasbourg, din il-Qorti thoss li f’kaz ta’ ksur ta’ xi

kundizzjoni imposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) *in toto* jew in parte skont il-gravita` tal-kaz. Hemm diversi gradi ta' serjeta` li jista' jirrizulta wara ksur ta' kundizzjoni, u l-Qorti trid tkun fi grad li tqis dawn ic-cirkostanzi u tordna skont is-serjeta` tal-kaz, jekk il-garanzija ghandhiex tghaddi favur il-Gvern ta' Malta in parte jew fl-interessi taghha. F'kaz bhal dan, fejn giet imposta garanzija personali ta' €23,293.73, meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw *"elements of shocking disproportionality"* li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm *'ceiling'* ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`.

**<u>Rimedju</u>**

F'kawza ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, il-Qorti ghandha l-poter taghti kull rimedju li jidhrilha opportun u mhix necessarjament marbuta mal-mod kif issir it-talba relattiva. F'dan il-kaz tara' li l-provvediment li se taghti, biex l-Artikolu 579(1) jigi interpretat kif qed tistabilixxi din il-Qorti, huwa *"just satisfaction"* ghal-lanjanzi tar-rikorrent u li jwizzen l-interess taz-zewg nahat fil-materja.

**<u>Artikolu 5(3)</u>**

Ghar-rigward tal-ilment tar-rikorrent indirizzat lejn l-ordni tal-Qorti Kriminali li ma johrogx mid-dar hlief f'cirkostanzi partikolari, jista' jkun li, fid-dawl ta' dik l-ordni, hu ma nghatax "helsien" shih mill-arrest, (ara **James Demanuele v. Avukat Generali**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2009), pero`, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, tali ordni

mhux per se nulla, u kellha tigi segwita sakemm l-istess kundizzjoni tibqa fis-sehh. Imputat jew akkuzat ghandu dejjem dritt jitlob bidla fil-kundizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest, pero`, ma jistax jissokombi ghalihom u wara jinjorhom b'impunita`.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tal-appell tar-rikorrent billi tichad l-istess in kwantu dirett ghar-revoka tac-cahda tal-ewwel Qorti tal-ilmenti marbuta mal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni, izda tilqa' in parte l-appell in kwantu dirett lejn ic-cahda tal-ewwel Qorti tal-ilment tar-rikorrent marbut mal-Artikolu 5(1)(b) tal-istess Konvenzjoni, u tipprovdi billi tpoggi lir-rikorrent fis-sitwazzjoni li kien qabel id-digriet tat-3 ta' Novembru 2006, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u tidderigi lill~~-dik il-Qorti~~[*] sabiex fl-applikazzjoni tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali tqis il-gravita` tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti minnha fid-digriet taghha li bih tat il-helsien mill-arrest lir-rikorrent u jekk, bhala konsegwenza, ghandhiex tordna li l-garanzija tghaddix favur il-Gvern ta' Malta in parte jew fl-interezza taghha.

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluz dawk in prim istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[*] "Qorti li issa ghandha kompetenza fuq il-kaz" – [kliem sostitwit b'digriet tal-25 ta' Marzu, 2011]